LOMBARD

**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA**

**Lombard Bank Malta p.l.c. – Laqgħa Ġenerali Annwali 2014**

L-azzjonisti tal-Lombard Bank Malta plc iltaqgħu għall-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-2014 fl-Exchange Buildings fil-Belt Valletta. Waqt il-laqgħa ġew ippreżentati u approvati r-riżultati finanzjarji tal-Lombard Bank Group għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2013.

Iċ-Chairman, Michael C. Bonello, indirizza lill-azzjonisti u spjega li l-Bord u l-Management tal-Bank iqisu l-prestazzjoni tal-Grupp bħala waħda sodisfaċenti, minkejja l-isfidi fl-ambjent tal-operat u regolatorju li kien hemm matul is-sena. Huwa ħabbar żieda fil-profitt qabel it-taxxa u *impairment* ta' 10% għal €10.5m. Madankollu, wara spiża ta' *impairment* ta' €4.1m li irriflettiet il-prudenza tal-Bank fil-kriterji tal-*provisioning,* il-profitt wara t-taxxa kien ta' €4.1m meta mqabbel ma' €5.6m fl-2012. Spjega wkoll li l-Bank baqa' miexi bl-istrateġija tiegħu li jfittex opportunitajiet ta' self selettivi u ta' kwalita'. Fisser ukoll kif baqa' ifittex sorsi diversi ta' dħul u kompla l-immaniġġjar kawt ta' *treasury* u t-tisħiħ ta' bażi qawwija biex jintlaħqu l-ħtiġijiet kapitali ġodda.

Is-sisien finanzjarji sodi tal-Bank kienu kkonfermati b'*Capital Adequacy Ratio* ta' 19%, 'il fuq sew mit-8% mitlub minn Basel II u *liquidity ratio* ta' 87.4% imqabbel mal-minimu mistenni ta' 30%. Il-*Loan to Deposit Ratio* kien immaniġġjat fl-limiti kawti u, fl-aħħar tas-sena finanzjarja kien ta' 63.7%.

Fuq livell ta' Grupp, kien irreġistrat profitt qabel it-taxxa ta' €7.0m u x-*Shareholders' Funds* żdiedu bi 2.2% għal €79.3m filwaqt li t-*Total Assets* kienu €610m.

Ir-resoluzzjonijiet l-oħra kollha li kienu ppreżentati waqt il-laqgħa kienu mgħoddija. Dawn kienu jinkludu t-tħabbira ta' Dividend Gross finali ta' 4 ċenteżmi għal kull sehem (dividend net ta' 2.6 ċenteżmi għal kull sehem) li laħħaq għal total ta' distribuzzjoni ta' €1.0m kif ukoll *bonus share issue* ta' sehem wieħed għal kull għoxrin li jkollhom l-azzjonisti li jidhru fuq ir-Reġistru tal-Azzjonisti tal-Kumpanija fis-27 ta' Mejju 2014.

Il-Bord tad-Diretturi tal-Bank huwa kompost minn Sophoklis Argyrou, Michael C. Bonello (Chairman), Graham A. Fairclough, Kimon Palamidis, Joseph Said, Christos Stylianides u Michael Zammit.

28 ta' April 2014